

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-31 ta' Marzu 2009 — ArcelorMittal Luxembourg et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-405/06) <sup>(1)</sup>

(“*Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Komunitarju ta' travi — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 65 KEFA, wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA, abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 — Kompetenza tal-Kummissjoni — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur — Preskrizzjoni — Drittijiet tad-difiża*”)

(2009/C 113/66)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: ArcelorMittal Luxembourg SA, li qabel kienet Arcelor Luxembourg SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu); ArcelorMittal Belval & Differdange SA, li qabel kienet Arcelor Profil Luxembourg SA (Esch-sur-Alzette, il-Lussemburgu); u ArcelorMittal International SA, li qabel kienet Arcelor International SA (il-Lussemburgu) (rappreżentant: A. Vandencastele, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: X. Lewis u F. Arbault, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 5342 finali, tat-8 ta' Novembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 65 [KEFA] li tikkonċerna akkordji u prattiki miftiehma li jinvolvu produtturi Ewropej ta' travi (Każ COMP/F/38.907 — Travi tal-azzar)

**Dispożittiv**

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 5342 finali, tat-8 ta' Novembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 65 [KEFA] li tikkonċerna akkordji u prattiki miftiehma li jinvolvu produtturi Ewropej ta' travi (Każ COMP/F/38.907 — Travi tal-azzar), hija annullata safejn tikkonċerna ArcelorMittal Belval & Differdange SA u ArcelorMittal International SA.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud bħala infondat.*
- 3) *Il-Kummissjoni hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż ta' ArcelorMittal Belval & Differdange u ArcelorMittal International, safejn il-kawża tirrigwarda dawn il-partijiet.*
- 4) *ArcelorMittal Luxembourg SA hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż tal-Kummissjoni, safejn il-kawża tirrigwarda dawn il-partijiet.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 42, 24.2.2007.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Marzu 2009 — L'Oréal vs UASI — Spa Monopole (SPALINE)**

(Kawża T-21/07) <sup>(1)</sup>

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali SPALINE — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti SPA — Raġuni relattiva għal rifjut — Effett ħażin fuq ir-reputazzjoni — Vantaġġ indebitament miksub mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti — Nuqqas ta' raġuni korretta għall-użu tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 40/94*”)

(2009/C 113/67)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: L'Oréal SA (Pariġi, Franza) (rappreżentant: E. Baud, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent) Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Spa Monopole, compagnie fermière de Spa SA/NV (Spa, il-Belġju) (rappreżentanti: E. Cornu, L. De Brouwer, D. Moreau u E. De Gryse, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-18 ta' Ottubru 2006 (Każ R 415/2005-1) dwar proċediment ta' oppożizzjoni bejn Spa Monopole, compagnie fermière de Spa SA/NV u L'Oreal SA.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *L'Oreal SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 69, 24.3.2007.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Marzu 2009 — L'Oréal vs UASI — Spa Monopole (SPA THERAPY)**

(Kawża T-109/07) <sup>(1)</sup>

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali SPA THERAPY — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti SPA — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94*”)

(2009/C 113/68)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: L'Oréal SA (Pariġi, Franza) (rappreżentant: E. Baud, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza:* Spa Monopole, compagnie fermière de Spa SA/NV (Spa, Il-Belġju) (rappreżentanti: E. Cornu, L. De Brouwer u D. Moreau, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-24 ta' Jannar 2007 (Każ R 468/2005-4), dwar il-proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Spa Monopole, compagnie fermière de Spa SA/NV u L'Oréal SA.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) L'Oréal SA hija kkundannata għall-ispejjeż

(<sup>1</sup>) ĠU C 140, 23.6.2007

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Marzu 2009 — Anheuser-Busch vs UASI — Budějovický Budvar (BUDWEISER)**

(Kawża T-191/07) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali BUDWEISER — Trade marks internazzjonali verbali u figurattivi preċedenti BUDWEISER u Budweiser Budvar — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Artikolu 8(1)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Użu ġenwin tat-trade mark preċedenti — Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 40/94 — Ksur tad-drittijiet tad-difiża — Motivazzjoni — Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 — Produzzjoni tardiva ta' dokumenti — Setgħa diskrezzjonali mogħtija mill-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94”)*

(2009/C 113/69)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Anheuser-Busch, Inc. (Saint Louis, Missouri, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: V. von Bomhard u A. Renck, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza:* Budějovický Budvar, národní podnik (České Budějovice, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: K. Čermák, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Appell tal-UASI tal-20 ta' Marzu 2007 (Każ R 299/2006-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Budějovický Budvar, národní podnik u Anheuser-Busch, Inc.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Anheuser-Busch, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha, kif ukoll għall-ispejjeż tal-UASI u ta' Budějovický Budvar, národní podnik

(<sup>1</sup>) ĠU C 183, 4.8.2007.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Marzu 2009 — allsafe Jungfalk vs UASI (ALLSAFE)**

(Kawża T-343/07) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali ALLSAFE — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Nuqqas ta' natura distintiva — Natura deskrittiva — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”)*

(2009/C 113/70)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti:* allsafe Jungfalk GmbH & Co. KG (Engen, Il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Mes, J. Bühling, C. Graf von der Groeben, G. Rother, A. Verhauwen, J. Künzel, D. Jestaedt, M. Bergermann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: S. Schäffner, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-11 ta' Lulju 2007 (Każ R 454/2006-4) dwar ir-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali ALLSAFE bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) allsafe Jungfalk GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 269, 10.11.2007.